# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar l-Erbgha, 3 ta' Ottubru 2001

**Numru 26**

**Citaz. numru 1706/93 DS**

David Borg Cardona ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` BIM Limited
vs
Joseph Xuereb bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` S.C. Xuereb Ltd.

Illum, 3 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Dicembru 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-konvenut nomine huwa debitur ta' l-attur nomine fis-somma ta' elf, tmien mija u sitta u tletin liri Maltin (Lm1836) bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz ta' manifattura u provvista u nstallar ta' twieqi galvanizzati maghmula fuq ordni tieghu u minnu accettat, u dan skond statement hawn anness u immarkat DOK 'A'.

Illi l-konvenut nomine naqas li jhallas l-ammont fuq indikat minkejja diversi talbiet mill-attur nomine;

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundannah ihallas lill-attur nomine is-somma ta' elf tminn mija sitta u tletin liri Maltin (Lm1836) bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz ta' manifattura u provvista ta' twieqi galvanizzati maghmula fuq ordni tieghu u minnu accettat.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra bonarja li ggib id-data ta' l-10 ta' Novembru 1992, ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tas-17 ta' Frar 1993, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppresentat kontestwalment ma din il-kawza, u bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Frar 1990 kontra il-konvenut nomine li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

Preliminarjament, li wahdu m'ghandux rappresentanza giuridika tas-socjeta' konvenuta;  jinhtieg li jigu citati zewg Diretturi.

Fil-meritu, u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, it-talba ghall-hlas tal-bilanc hi infondata stante li s-socjeta' attrici naqset li tikkunsenja t-twieqi skond il-kampjun accettat mill-partijiet;  u b'konsegwenza ta' hekk is-socjeta' eccipjenti kellha taghti garanziji lil min ordna x-xoghol.

Salvi eccezzjonijiet ohra;  u b'riserva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lis-socjeta' eccipjenti minhabba l-inadempjenza tas-socjeta' attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-25 ta' April 1994 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Rene' Buttigieg bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-22 ta' Marzu 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

<u>Dwar l-eccezzjoni preliminari</u>

Din l-eccezzjoni ma giet trattata fl-ebda mument waqt il-prosegwiment tal-kawza u l-konvenut nomine ma ressaq l-ebda prova in sostenn taghha.

Il-piz tal-prova jinsab fuq min jaghmel l-allegazzjoni. Ghalhekk din l-eccezzjoni hi michuda.

Dwar il-mertu

Il-kwistjoni tirrigwarda bilanc ta' prezz ta' twieqi galvanizzati manifatturati u provduti mis-socjeta` attrici ghall-Korporazzjoni Enemalta izda fuq ordni tas-socjeta` konvenuta li kienet giet inkarigata bix-xoghol ta' bini tar-raba' sular ta' l-Administration Block tal-Korporazzjoni f'Church Wharf, Marsa.

L-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta fil-mertu tghid li t-talba ghall-hlas li ghamlet is-socjeta` attrici hija infondata peress li s-socjeta` attrici ma kkonsenjatx t-twieqi skond il-kampjun accettat mill-partijiet u ghalhekk is-socjeta` konvenuta kellha taghti garanziji lill-Korporazzjoni Enemalta.

**David Borg Cardona**, commercial manager mas-socjeta` attrici, ikkonferma d-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni. Huwa esebixxa diversi dokumenti (Dok. DBC1 – DBC8). Mid-Dok. DBC1 jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet talbet ghal stima skond il-qisien moghtija minnha stess. Id-Dok. DBC2 jirrapprezenta l-istima mhejjija mis-socjeta` attrici u mid-Dok. DBC3 jirrizulta li l-ordni skond il-qisien moghtija kienet giet accettata. Minn dawn id-dokumenti ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta kienet talbet li x-xoghol jinhadem skond "British Standard". Ix-xhud qal li din it-talba saret waqt laqgha mal-Perit Joseph Degaetano (ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta) fil-fabbrika tas-socjeta` attrici li kien insista li t-twieqi jkunu skond "British Standard". Wara li s-socjeta` attrici gabet stima minghand is-socjeta` Cuttall Windows Ltd. fl-Ingilterra, u l-istima ma gietx accettata ghax kienet gholja hafna, s-socjeta` konvenuta talbitha tipprocedi bl-istima originali taghha Dok. DBC2 u fil-fatt inhareg l-*acknowledgment of order* Dok. DBC3. Inbeda x-xoghol, inhargu l-*invoices* (Dok. DBC4 sa DBC7) u l-kontestazzjoni saret meta ntalab il-bilanc ta' Lm1836, u dan permezz ta' ittra ufficjali tal-25 ta' Frar 1993 (Dok. DBC8).

L-istess xhud ikkonferma li kien hemm xi lmenti mis-socjeta` konvenuta izda s-socjeta` attrici dejjem ghamlet ix-xoghol rimedjali mehtieg u wara li sar dak ix-xoghol ma sarux ilmenti ohra. Dwar it-talba ta' garanzija bankarja li ghamlet is-socjeta` konvenuta, huwa kkummenta li qatt ma tinghata garanzija mis-socjeta` attrici dwar twieqi skond il-prattika taghhom, salvo bad workmanship u din ghal perijodu limitat. Inoltre l-garanzija bankarja ntalbet fl-ahhar meta s-socjeta` attrici nsistiet ghall-

hlas tal-bilanc finali u qabel *"fl-ebda stadju ma giet imsemmija jew mitluba"*.

**Il-Perit Joseph Degaetano** kien konsulent mal-Korporazzjoni Enemalta u kien inkarigat mill-bini tar-raba' sular tal-Administration Block li ghalih inhareg *tender* li ntrebah mis-socjeta` konvenuta. Dwar it-twieqi xehed li kienu gew murija kampjun li ghalihom ma kienx skond l-i*standards* normali BSS jew ISO u ghalhekk ma kienx soddisfacenti ghalihom u ghalhekk talbu lill-konvenut nomine biex ifittex band'ohra anki barra mill-pajjiz. Irrizulta li r-risposti kienu kollha negattivi u ghalhekk talbu minghand il-kuntrattur konvenut nomine garanzija li t-twieqi li jsiru jkunu *weatherproof. "We just told them (lill-konvenut) just to carry on and provide us with the guarantee"*. Huwa spjega li l-garanzija ma kenitx wahda bankarja izda li t-twieqi jibqghu fi stat tajjeb ghal ghaxar snin. Fil-fatt is-socjeta` konvenuta diga` kellha garanzija bankarja ghall-appalt kollu.

L-istess xhud qal li s-socjeta` attrici kienet ipprovdiet kampjun ta' tieqa mhux mibruma, minghajr *gasket*, u li giet accettata. Wara li twahhlu t-twieqi rrizultaw xi difetti li kien jehtieg li jsiru *weather bar* u *gasket*. Wara li sar ix-xoghol rimedjali, u specifikatament wara li twahhlu l-*gaskets*, il-problemi li kien hemm gew solvuti u fil-fatt gie effettwat il-hlas finali lis-socjeta` konvenuta. *"Billi t-twieqi accettajnihom li jsiru b'mod differenti minn kif ahna xtaqnihom fl-ispecifications taghna mfassla a bazi tal-BSS ahna mponejna perijodu ta' garanzija ta' ghaxar snin"*. Mill-*completion date* fit-8 ta' Ottubru 1990 sal-11 ta' Novembru 1996 (l-ahhar darba li xehed il-Perit Degaetano) ix-xhud qal li jidhirlu li kien hemm okkazjoni wahda biss li fiha kien hemm problema bil-*gaskets* u li giet solvuta mill-ewwel mis-socjeta` konvenuta.

**Il-konvenut nomine** xehed li huwa kien ta l-*go ahead* lis-socjeta` attrici biex jikkostruwixxu t-twieqi skond kampjun li kien gie approvat minn kulhadd u li spicca mwahhal bhala wiehed mit-twieqi. Pero` wara lment li ma kienx hemm *weather bar*, dan gie pprovdut mis-socjeta` attrici u wara lment li t-twieqi kienu mibrumin, l-istess socjeta` attrici pprovdiet *gaskets*. Huwa xehed li *"l-BIM dejjem hasbu biex meta kien hemm ilment jirrangawh"*. Huwa kkonferma li la meta ghamel l-ordni u lanqas meta kkonfermaha ma talab xi tip ta' garanzija minghand is-socjeta` attrici. Pero` qabel ma halsitu fl-ahhar, il-Korporazzjoni Enemalta talbitu garanzija dwar it-twieqi u ghalhekk huwa talab garanzija bankarja minghand is-socjeta` attrici ghas-somma ta' Lm7076. Sad-data li kien qieghed jixhed (fis-17 ta' Frar 1997) il-Korporazzjoni Enemalta ma kenitx resqet ilmenti dwar it-twieqi. Ghalkemm il-Korporazzjoni

Enemalta ma kenitx talbitu garanzija bankarja specifika fuq it-twieqi izda biss *quality guarantee*, huwa talab lis-socjeta` attrici tipprovdi garanzija bankarja peress li fuq l-esperjenza tieghu dehrlu li garanzija personali ma kenitx tkun sufficjenti.

Mill-provi ghalhekk jirrizulta li l-maggor parti tat-twieqi manifatturati kellhom xi difett izda dawn gew rimedjati mis-socjeta` attrici u accettati mill-Korporazzjoni Enemalta, b'dan li, kif xehed il-Perit Degaetano, il-Korporazzjoni mponiet perijodu ta' garanzija ta' ghaxar snin.

Issa m'hemm l-ebda dubju li kienet tezisti relazzjoni guridika bejn il-Korporazzjoni Enemalta u s-socjeta` konvenuta u relazzjoni guridika differenti bejn is-socjeta` konvenuta u s-socjeta` attrici. Bejn is-socjeta` attrici u l-Korporazzjoni Enemalta ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika – fatt dan accettat mis-socjeta` konvenuta kif jirrizulta mill-ittra taghha lis-socjeta` attrici (Dok. RR1). Ghalhekk il-garanzija personali li ntalbet mill-Korporazzjoni Enemalta ma tobbligax *ex lege* lis-socjeta` attrici li taghti l-istess garanzija lis-socjeta` konvenuta, u wisq inqas milli tipprovdi garanzija ikbar milli pprovdiet l-istess socjeta` konvenuta lill-Korporazzjoni Enemalta. Difatti permezz ta' ittra tat-22 ta' Mejju 1992 (Dok. XN) is-socjeta` konvenuta pprovdiet garanzija personali dwar l-istess twieqi. Is-socjeta` konvenuta ma tistax tikkonfondi r-relazzjoni guridika taghha mal-Korporazzjoni Enemalta mar-relazzjoni guridika taghha mas-socjeta` attrici. Inoltre s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 999 jipprovdi hekk: "Hadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga ruhu jew jikkuntratta hlief ghalih innifsu". Konsegwentement bil-garanzija li s-socjeta` konvenuta tat lill-Korporazzjoni Enemalta kienet qed torbot biss lilha nnifisha.

Barra minn hekk kif irrizulta mix-xhieda, id-difetti li kien hemm fit-twieqi gew rimedjati, ix-xoghol, kif rimedjat, gie accettat mill-Korporazzjoni Enemalta, is-socjeta` konvenuta thalset mill-imsemmija Korporazzjoni wara li nghatat garanzija mis-socjeta` konvenuta ghal ghaxar snin (liema garanzija fil-fatt illum hija fi kwalunkwe kaz superfluwa peress li ghaddew l-ghaxar snin) u ma jirrizultax li kien hemm ilmenti ulterjuri. Sadattant is-socjeta` attrici baqghet ma thalsitx il-bilanc minnha pretiz ta' Lm1836.

Fil-fehma tal-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi kollha ghalhekk is-socjeta` konvenuta ma kellha l-ebda dritt tezercita l-*jus retentionis* fuq l-imsemmi bilanc. Kellha mezzi alternattivi biex tissalvagwardja l-pretensjonijiet taghha.

Fil-mori tal-kawza s-socjeta` konvenuta halset lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm1370.69. Dan sar wara li skadew l-ghaxar snin tal-garanzija li hija tat. Hija tikkontendi li mill-bilanc pretiz ta' Lm1836 fil-fatt ghandha titnaqqas is-somma ta' Lm240.31 bhala skont ta' 7.5% fuq ix-xoghol ordnat in virtu` ta' l-ittra tas-socjeta` attrici ta' l-20 ta' Lulju 1988 (Dok. DBC2) u s-somma ta' Lm225 bhala spejjez tal-bajjad George Bezzina li hadem fuq il-hsarat fil-koxox tat-twieqi kkagunati mill-impjegati tas-socjeta` attrici li ppruvaw inehhu l-brim fit-twieqi.

Dawn il-pretensjonijiet gew vantati matul dawn il-proceduri u l-ebda riferenza ghalihom ma tinsab fl-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta. Fi kwalunkwe kaz l-iskont ta' 7.5% huwa msemmi fl-ittra ta' l-20 ta' Lulju 1988 (Dok. DBC2) izda mhux fl-*acknowledgment of order* (Dok. DBC3) datat l-1 ta' Awissu 1989, jigifieri aktar minn sena wara. U dwar is-somma ta' Lm225 din semmai tikkostitwixxi kwistjoni ta' danni u fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut nomine ghamel rizerva ghal kull azzjoni ta'danni spettanti lilu. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha thallas fl-intier il-bilanc rimanenti ta' Lm465.31.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba attrici billi tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine s-somma bilancjali kif ridotta ta' Lm465.31. Bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur